# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)

**Każ numru 206/2022 (SG)**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Nader Abulghasem Benamar**

**Illum 26 ta' Frar, 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-akkużi dedotti kontra l-akkużat Nader Abulghasem Benamar, bin Abulghasem u Gemila nee Zlietin, imwieled Libya nhar is-7 ta' Novembru 1977, detentur tal-karta tal-identita numru 24850A li permezz taghhom gie akkuzat talli nhar l-4 ta' April 2022, għall-ħabta tal-14:45 waqt li kien qiegħed fi triq il-Qbajjar, Marsalforn, limiti Żebbuġ, Għawdex:

1. Saq jew ippermetta li titħalla l-vettura ta' għamla Ford Grand C-Max bin-numri tar-reġistrazzjoni NSA077 fi triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita għat-Trasport f'Malta.

2. Saq il-vettura ta' għamla Ford Grand C-Max bin-numru tar-reġistrazzjoni NSA077 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riski għal terzi persuni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux anqas minn tmint ijiem u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

**Semgħet** ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

**Semgħet** trattazzjoni finali;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat**

**PC 76 Joseph Cini** xehed illi nhar l-4 ta' April 2022 fit-tlieta neqsin kwart ta' waranofsinhar, hu kien fi triq il-Qbajjar, Marsalforn u osserva karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni NSA077 tieqaf quddiem ta' Dirjanu Supermarket. Hu ċċekkja l-locus system u sab illi l-vettura ma kellhiex liċenzja valida. Ix-xhud tkellem ma' Nader Abdulghasem Benamar li kien qiegħed jixtri s-sigarretti, u meta mitlub jipproduċi l-insurance u r-road licence, irrisponda li ma kellux.

**PS 1040 John Grima** xehed fuq dak li ġara fis-7 ta' Mejju 2022 li mhuwiex relevanti għal dan il-każ stante li l-inċident jirrisali għal data preċedenti għas-7 ta' Mejju 2022.

**Saviour Farrugia**, waqt seduta tat-30 ta' Jannar 2024, xehed illi l-vettura NSA 077 qiegħda fuq Nader Abulghasen Benamar, u ilha reġistrata fuqu mis-7 ta' Frar 2017, u l-liċenzja kienet imħallsa sad-29 ta' Frar 2020. Saviour Farrugia kkonferma illi mir-records ta' Transport Malta, il-vettura mhix iggaraxxjata. Skont ix-xhud, id-driving licence tal-akkużat Category A, B, u B1 imħallsa sas-7 ta' Novembru 2022.

Dottor Georgine Grech, in rappreżentanza ta' Middlesea Insurance, ikkonfermat illi l-vettura NSA 077 ma kinitx koperta bl-assikurazzjoni fl-4 ta' April 2022.

L-imputat għażel li ma jixhidx.

Mill-provi jirrizulta b'mod mill-aktar evidenti li entrambi l-imputazzjonjiet ġew debitament ippruvati.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 13(2) u 44 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 386.02, kif ukoll Artikoli 3(1) u 3(2)(a) ta' Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' elfejn, ħames mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,529.37ċ). B'żieda mal-piena l-Qorti qiegħda tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar, liema żmien jibda jgħodd minn nofsillejl tal-lum.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**